MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2010

Avviz Numru. 70/2009

**Vodafone Malta Limited (C-10865)**
**Vs**

**Availacall Limited (C-36449)**

**Il-Qorti**

Rat l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici titlob li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta’ sitt elef tmien mija u tmienja u hamsin Ewro (€6858) rapprezentanti prezz ta’ servizzi rezi mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta in konnessjoni ma’ *mobile phones* bin-numri 99991122, 99991144, 99991155, 99991199 u 99283000. Is-socjeta’ konvenuta minkejja li nterpellata diversi drabi baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut, sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Rat il-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Rat l-atti tal-kawza u semghat lil Dr.Nadia Vella li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, il-Qorti tilqa' t-talba u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' sitt elef tmien mija u tmienja u hamsin Ewro (€6858), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-istess socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------